MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 260/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Michael Rizzo**

Illum, 19 ta' Settembru 2006

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Rizzo u persuna ohra talli f'dawn il-Gzejjer f'Settembru 1999 u fix-xhur ta' wara:

1) Ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz

minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati inkella li ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe` ghamlu falsifikazzjoni tal-firma ta' Alfred Rapa, Marthese Bezzina u ta' persuni ohra fuq disa' cekkijiet tal-Bank of Valletta u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess skritturi jew kitba falza;

2) Iffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe` disa' cekkijiet tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' A. Rapa, M.T. Bezzina u persuni ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamlu uzu mill-istess karta msemmija;

3) B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' Lm1570, bi hsara ghal Alfred Rapa, M.T. Bezzina, Bank of Valletta, Pirella Supermarket u persuni ohra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Settembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Michael Rizzo hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta' tmintax il-xahar u rrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti lill-istess Michael Rizzo l-ghajnuna kollha mehtiega sabiex dan ikun jista' jindirizza l-problema li ghandu dwar l-abbuz ta' droga;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Michael Rizzo pprezentat fid-19 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fil-parti

tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta u ekwa ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa limitat ghall-piena. Il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Jinghad mill-ewwel illi l-piena hija decizament fil-parametri tal-ligi. Bizzejjed jinghad illi l-piena ghall-ksur ta' l-artikoli 167 u 169 tal-Kap. 9 hija dik ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin.

Skond l-appellant, pero`, l-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi: l-eta` tenera ta' tnejn u ghoxrin sena meta huwa wettaq ir-reati odjerni, il-fatt li m'ghandux xi fedina penali allarmanti, il-kooperazzjoni shiha tieghu ma' l-awtoritajiet investigattivi fi stadju bikri tal-proceduri biex b'hekk ma hlilhomx hin, ir-rimors tieghu kkonfermat mill-fatt li huwa hallas is-somma ta' Lm105 danni lil terzi, u t-trapass ta' oltre sitt snin bejn il-kummissjoni tar-reati u s-sentenza appellata li fihom wera certu impenn biex jirriforma ruhu.

Jibda biex jinghad illi l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni kemm il-fedina penali ta' l-appellant, kif ukoll il-fatt li huwa kien ikkumpensa l-vittma tal-hsara li ghamel.

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija v. Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Kwantu ghall-eta` tieghu meta kkommetta r-reati odjerni, din il-Qorti ma tqisx illi ta' l-eta` ta' 22 sena l-appellant jista' jghaddi ta' zaghzugh immatur. L-ammissjoni bikrija tieghu mal-Pulizija mbaghad ma gietx riflessa f'dawn il-proceduri peress illi meta tressaq fil-31 ta' Mejju 2000 iddikjara li mhux hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u fl-ebda stadju tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti ma rregistra ammissjoni.

Kwantu mbaghad ghall-impenn li l-appellant jghid li wera matul dawn is-snin sabiex jirriforma ruhu, dan huwa certament lodevoli. Ma jirrizultax pero` illi tali impenn kellu wisq success. L-ewwel Qorti fil-fatt osservat fis-sentenza taghha illi l-appellant (allura imputat) "ma jridx jaf u jobdi l-ordnijiet moghtija lilu [mill-ufficjal tal-probation Mariella Camilleri]". Mariella Camilleri xehdet ukoll quddiem din il-Qorti u qalet illi l-appellant beda programm residenzjali tliet darbiet izda qatt ma temm programm. Qalet ukoll illi ghad ghandu problema ta' droga ghalkemm "fl-ahhar jiem wera certu progress".

Din il-Qorti mhijiex propensa li takkolji s-suggerimenti tad-difiza dwar il-mod kif ghandha tittratta ma' l-appellant peress illi tqis illi l-impenn li bniedem juri sabiex jirriforma ruhu jrid ikun impenn <u>serju</u> u <u>ben motivat</u>. L-impenn ta' bniedem li "juri progress" ftit jiem qabel ma jigi trattat l-appell jista' jigi kkunsidrat bhala motivat biss mic-cirkostanzi sabiex jipprova jevita piena karcerarja. U jekk illum ghadu qieghed fl-impjieg li tirreferi ghalih l-ufficjal tal-probation fir-rapport taghha, mhu qed jaghmel xejn specjali u straordinarju u differenti mill-maggoranza skjaccanti tal-poplu **"u b'daqshekk zgur li ma jistax jippretendi li ma jiskontax id-dejn li hu ghandu mas-socjeta` ghar-reati minnu kommessi"** (Ara Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Angel Attard**, 23 ta' Gunju 2005; **Il-Pulizija v. Anthony sive Twanny Frendo**, 14 ta' April 2005).

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita`

Korrettiva ta' Kordin li jipprovdi lill-appellant l-ghajnuna kollha mehtiega minhabba l-problema tad-droga li ghandu l-istess appellant inkluz sabiex l-istess appellant jinserixxi ruhu fi programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------